# STEDINA

*Lill Patri Raphael Nakħla S.J.*
*Ħabib tal-lsien Malti.*

Mit-tieqa mbexxqa ta' kamarti dieħla
żiffa mgħobbija bi ħlewwiet il-ġnien,
dieħla titliegħeb u tmellisli xagħri,
dieħla titbewwes, timraħ kullimkien.

Jixbaħ leħenha l-leħen ta' flejguta
ta' xi tfajjel ragħaj f'żerniq il-jum,
li jdoqq u jħares dik il-merħla bajda
tira', tixxabbat mas-sisien u r-rdum.

U tgħidli ż-żiffa bi tvenvina ħelwa:
"Oħroġ minn dan id-dieq, minn dan l-għeluq...
fil-masġar mietet ta' l-irjieħ l-karba,
ħiemed jitħaddet mal-widien il-luq.

"Fuq kull siġra xemxija hemm bejta ċkejkna,
u minn kull bejta ħiereġ leħen ġdid...
Sabiħa tħammar b'ward is-silla l-plajja,
il-ġonna tiżhar... tama ta' kull ġid... "

U ż-żiffa tvenven l-għanja tar-rebbiegħa:
"Eħles minn dan id-dieq, minn dan l-għeluq...
Reġgħet il-ħajja mill-imwiet tax-xitwa:
Bħal omm fuq nieqa x-xemx tħares u ttuq.".

14 - 4 - 29.

**Dun Karm**